MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Numru. 800/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**NOEL CARABOTT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Noel Carabott ta’ 32 sena, bin Joseph u Liberata nee’ Grima, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-1 ta’ Jannar, 1975, residenti fil-fond imsejjah ‘It-Tina Farmhouse’, Hal-Ginwi, Marsaxlokk, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 39975(M);

Akkuzat talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1. Talli nhar is-16 ta' Frar 2007 gewwa Ta' Xbiex, waqt li kien xoghol fl-ufficini tal-S & D Yachts Limited, li huwa sitwati fi Triq Giuzeppe Cali', Ta' Xbiex, ikkommetta serq ta' camera tar-ritratti tal-ghamla Fuji Film, valur ta' Lm130.00 (mija u tletin lira maltin), liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-Lm100.00 (mitt lira maltin), izda li ma jeccedix l-Lm1,000.00 (elf lira maltin), u dan sar ghad-dannu tad-dirigenti tal-kumpanija S & D Yachts Limited u/ jew persuni ohra;

2. U aktar talli gewwa l-Gzira f'xi zmien matul is-sena 2006, ikkommetta serq ta' mutur tal-bahar outboard tal-ghamla Mercury, proprjeta' tad-dirigenti tal-kumpanija S & D Yachts Limited, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u l-valur li jeccedi l-Lm100.00 (mitt lira maltin), izda li ma jeccedix l-Lm1,000.00 (elf lira maltin), u dan sar ghad-dannu tad-dirigenti tal-kumpanija S & D Yachts Limited u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli gewwa l-Kalkara, f'xi zmien matul is-sena 2006, ikkommetta serq ta' ammont ta' diesel minn fuq il-yacht bl-isem 'Lady Meredith', liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-persuna u bil-haga misruqa, u dan sar ghad-dannu tal-dirigenti tal-kumpanija S & D Yachts Limited, u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli matul ix-xahar ta' Jannar 2007 u x-xhur ta' qabel approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal xi persuna ohra, mis-somma ta' madwar Lm78.00 (tmienja u sebghin lira maltin), giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, u dan sar ghad-dannu tad-dirigenti tal-kumpanija S & D Yachts Limited u/jew persuni ohra;

5. U fl-ahharnett talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' (4) imputazzjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Noel Carabott hati tal- ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' (4) imputazzjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti qed tordna lill-istess Noel Carabott ihallas is-somma ta' Lm278.00 (mitejn u tmienja u sebghin lira maltin) lil S & D Yachts Limited fi zmien xahrejn (2), ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghar-rigward tal-hames (5) imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti ma ssibux hati taghha, u ghaldaqstant tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------